MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Talba Numru. 279/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Jonathan Abela (K.I. 053682M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tmien mija sitta u disghin ewro u hamsa u ghoxrin ewro centezmi (€896.25) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont Client Contract Number 420714 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-24 ta' Marzu, 2010 mill-PL Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------